

# POTENTIA CORONA

josephfenech409@gmail.com
Ħarġa Nru 5

Ir-Rużarju huwa l-aktar għamla eċċellenti ta' talb u l-aqwa mezz kif nakkwistaw il-ħajja eterna. Huwa r-rimedju għall-ħażen kollu, l-għerq ta' kull barkiet tagħna. M'hemmx mod ieħor aktar eċċellenti ta' talb.

Il-Papa Ljun XIII

## " JIENA JIEN IS-SULTANA TAR-RUŻARJU ! "

## F A T I M A
## L'altare del mondo

Id-dehriet ta' Fatima għandhom importanza li ma bħalhom. Barra sinifikat reliġjuż u spiritwali, dawn id-dehriet kellhom dimensjoni fuq livell politiku globali.
Seħħew fix-xhur li fihom fir-Russja kienet qed titwettaq ir-Rivuluzjoni Bolxevista/Komunista.
Id-dinja kienet mgħaddsa fl-eqqel tal-Ewwel Gwerra Dinjija. Is-Seklu XX kellu jara gwerra oħra dinjija eħrex minn dik ta' qabilha; gwerer ċivili u antiklerikali fil-Messiku u fi Spanja. Kellu jinbet il-Faxxiżmu u n-Nażismu. Il-Gwerra tal-Vjetnam, tal-Korea, tal-Libanu, il-Gwerra Birda u t-theddida tal-Armi Nukleari. Modi u idjoloġiji ateji u materjalistiċi u persekuzjoni tal-Knisja.
Il-Madonna titkellem dwar dan il-gwaj kollu ġewwa Fatima u titlob għall-konverzjoni u għar-Rużarju biex fl-aħħar il-Qalb Immakulata tagħha tirbaħ !

